MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tad-19 ta' Jannar, 2004

Numru 846/2003

**Il-Pulizija**
**(Supretendent Paul Bond)**

**vs**

**Joanne Navarro**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputata Joanne Navarro mart Jason u bint Gejtu u Marianne nee Zahra imwielda tal-Pieta` fit-22/02/1977 u toqghod “Dornat Court”, Flat 4, Triq il-Htajriet, Mosta detentur ta’ karta ta’ identita numru 147477 (M).

Akkuzata:

1. talli fid-9 ta' Awissu, 2003 fil-Mosta, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamlet uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqdiet b'qerq iehor, ingann, jew billi wriet haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistenza ta' entraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' kredti mmagginarji, jew sabiex tqanqal tama jew biza` dwar xi grajja kimerika, ghamlet qliegh ta' hamsin lira Maltin (Lm50) billi ffalsifikat cekk li jgib numru 000006 mahrug mill-BOV tal-Mosta u dan ghad-danni tal-ghaqda maghrufa bhala "PSD Teachers Association" kif ukoll ghad-danni ta' Isabelle Bonnici minn Hal Qormi u ta' Raymond Cassar mill-Mosta.

2. barra minn dan nakkuzaha wkoll talli matul il-gimghat ta' qabel l-imsemmija data, waqt li kienet fid-dar ta' ommha gewwa l-Mosta, kkommettiet serq ta' zewg cekkijiet li jgibu numru 000004 u 000006 mill-istess "cheque book", mahrug mill-istess bank liema serq hu ggravat bil-persuna u lok u dan ghad-danni tal-ghaqda fuq l-imsemmija kif ukoll ghad-danni ta' ohtha Isabelle Bonnici.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

Fuq l-ammisjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputata issibha hatja. Wara li rat l-Artikolu 308, 261 (d) (e), 268, 269, 281 tillibera bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor ghall-perjodu ta' tlett (3) xhur mil-lum bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------